31983R2053

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2053/83 tal-20 ta' Lulju 1983 dwar il-klassifika ta' l-oġġetti fis-subintestatura 32.04 A IV tat-Tariffa Doganali Komuni

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 97/69 tas-16 ta' Jannar 1969 dwar il-miżuri li jridu jittieħdu sabiex tiġi applikata b'mod uniformi n-nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni [1], kif l-aħħar emendat bl-Att ta' l-Adeżjoni tal-Greċja, u b'mod partikolari Artikolu 3 tiegħu,

Billi, sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni, jridu jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet dwar il-klassifika tat-tariffa ta' estratt tal-paprika li jkollu l-karatteristiċi li ġejjin:

— id-dehra: likwidu visk ħafna, aħmar skur, saħħa qawwija ta' kulur,

— ir-riħa u t-togħma: aromatika, tixbah lill-paprika, ma taħraqx,

— l-irmied: 0,49 % fil-piż,

— iż-żjut essenzjali: 0,15ml/100g,

— il-kapsajċina: ma tinkixifx — il-prinċipju ta' kemm jaħraq,

— il-glukosi: 0,01 % fil-piż,

— is-sukrosi: ma tinkixifx,

— it-trigliċeridi: test pożittiv,

— il-kapsantina: madwar 2,2g/kg (madwar 60 000 unità tal-kulur ta' l-AŻE (l-Assoċjazzjoni taż-Żjut Essenzjali).

Billi l-intestatura Nru 32.04 tat-Tariffa Doganali Komuni annessa mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 950/68 [2], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 604/83 [3], tirreferi *inter alia* għal materjal li jagħti l-kulur ta' oriġini mill-ħxejjex ta' l-ikel (inkluż l-estratt ta' l-injam li jerħi ż-żebgħa u estratti oħra taż-żebgħa mill-ħxejjex ta' l-ikel, iżda eskluż in-nir);

Billi l-prodott in-kwistjoni, li huwa estratt tal-ħxejjex ta' l-ikel, għandu l-karatteristiċi ta' materjal li jagħti l-kulur ta' oriġini mill-ħxejjex ta' l-ikel ta' l-intestatura Nru 32.04; billi, fl-intestatura Nru 32.04, trid tingħażel is-subintestatura 32.04 A IV għall-prodott in-kwistjoni;

Billi l-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat dwar in-Nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prodott li jikkonsisti mill-estratt tal-paprika li għandu l-karatteristiċi li ġejjin:

— id-dehra: likwidu visk ħafna, aħmar skur, saħħa qawwija ta' kulur,

— ir-riħa u t-togħma: aromatika, tixbah lill-paprika, ma taħraqx,

— l-irmied: 0,49 % fil-piż,

— iż-żjut essenzjali: 0,15ml/100g,

— il-kapsajċina: ma tinkixifx,

— il-glukosi: 0,01 % fil-piż,

— is-sukrosi: ma tinkixifx,

— it-trigliċeridi: test pożittiv,

— il-kapsantina: madwar 2,2g/kg (madwar 60 000 unità tal-kulur ta' l-AŻE (l-Assoċjazzjoni taż-Żjut Essenzjali).

għandu jiġi klassifikat fit-Tariffa Doganali Komuni bis-subintestatura:

32.04 Il-materjal li jagħti l-kulur ta' oriġini mill-ħxejjex ta' l-ikel (inkluż l-estratt ta' l-injam li jerħi ż-żebgħa u l-estratti taż-żebgħa minn ħxejjex oħra ta' l-ikel, iżda eskluż in-nir) jew ta' oriġini mill-annimali:

A. Il-materjal li jagħti l-kulur ta' oriġini mill-ħxejjex ta' l-ikel:

IV.Oħrajn.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

[1] ĠU L 14, tal-21.1.1969, p. 1.
[2] ĠU L 172, tat-22.7.1968, p. 1.
[3] ĠU L 72, tat-18.3.1983, p. 3.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-20 ta' Lulju 1983.

Għall-Kummissjoni

Karl-Heinz NARJES

Membru tal-Kummissjoni